**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 1 t'April, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**-vs-**

**Angel Attard detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 18777M**

***Kumpilazzjoni Nru. 10/2017***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Angel Attard u cioe` talli:

Nhar it-03 ta' Jannar, 2017, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs), ġewwa San Ġiljan:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li qiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu, jew iggiblu dizordni f'moħħu, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Anthony Agius (ID – 446692M), hekk kif ċertifikata minn Dr. Jeffrey Farrugia (Med. Reg. 3214).

2. Attakka jew gġamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz

pubbliku, filwaqt li din kienet qed taggixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti.

3. Ħebb kontra il-persuna ta' Christian Anthony Agius (ID – 446692M) sabiex inġurja,dejjaq jew għamel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor.

4. Saq il-vettura ta' għamla Volkswagen b'numru tar-reġistrazzjoni ANG312 perikoluż, traskurat u negliċenti.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar id-29 ta' Mejju, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghajr ghat-tieni imputazzjoni.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

a. Fl-artikoli 214 u 218(1)(a)(b)(2) u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitlu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghat-tieni akkuza u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tielet akkuza japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati.

Illi sabiex tiddetermina jekk setghetx ragonevolment tinstab htija dwar it-tieni akkuza, l-Qorti fliet l-provi migjuba u kkunsidrathom fid-dawl tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace**[1]**.** F'dik is-sentenza nsibu:

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"
Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

[1] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016. Vide ukoll il-**Pulizija vs Renald Briffa**, Deciza 27.02.2013, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr Edwina Grima

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Ghaldaqstant fuq dan l-insenjament, u tenut kont tal-mankanza assoluta ta' provi li fil-hin li twettaq ir-reat Christian Anthony Agius kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti, l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni. Ghall-istess ragunijiet l-aggravju ravvizat bl-artikolu 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali ma jirrizultax.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu li ma jistax jinghad li kienet xi wahda bikrija, tal-fedina penali kemmxejn mtappna tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Illi fid-dawl ta' dak kkonstatat mill-Ufficjal tal-Probation u l-Parole fis-*Social Inquiry Report* redatt minnu,[2] minn fejn jirrizulta li l-imputat jidher li qabad miexi fit-triq tas-sewwa u ghandu impjieg u hajja stabbli b'familja li lesta tghinu jkompli jirriforma ruhu, tant li l-ufficjal ttenni li l-imputat ghandu jithalla jghix f'din l-istabbilita`, il-Qorti tqis li jezistu cirkostanzi li jimmeritaw li l-Qorti tapplika l-ewwel *proviso* ghall-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 u konsegwentement l-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' servizz fil-komunità.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-interess tas-socjeta` jigi servut ahjar jekk l-imputat jigi mghejjun ikompli jirrijabilita ruhu taht il-lenti kostanti tal-awtoritajiet rilevanti.

Dan l-istess ordni u l-ksur potenzjali tieghu zgur li ghandhom isservu ta' deterrent qawwi sabiex l-imputat jassigura ruhu li ma jergax isib ruhu fuq l-ghatba ta' inkarcerazzjoni – konsegwenza inevitabbli tenut kont tal-ammissjoni inkondizzjonata tieghu f'dawn il-proceduri.

---

[2] Dok. DC a fol.336 et seq.

## <u>Talba ghall-kumpens ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali</u>

Illi nhar is-6 ta' Lulju, 2018, id-difiza ghamlet talba ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali sabiex ikun hemm ordni ta' hlas ta' **danni** lil parte leza Christian Anthony Agius.[3]

Illi jigi sottolinejat li t-talba tal-parte civile saret biss **ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali** li jirrendi applikabbli l-artikolu 24 tal-***Att dwar il-Probation***, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi biss ghal:

> danni għal xi feriment jew b'kumpens għal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.

Illi mid-dicitura ta' dan l-artikolu l-legizlatur ipprospetta <u>biss</u> **danni attwali u effettivi** sofferti mid-danneġġjat. Fil-kaz in dezamina dawn primarjament jikkonsisitu fi spejjeż mediċinali u visti għand tobba u speċjalisti. Jinghad mill-ewwel li f'dan l-ezercizju mhux ser jigu kunsidrati l-<u>hlasijiet lill-avukat</u> tal-parte leza li jinkludu l-kont prezentat[4].

Illi bl-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali l-Qorti inghatat il-fakulta sabiex ***arbitro boni viri*** tikkoncedi u tillikwida dawn id-danni. Fil-fatt hemm <u>distinzjoni netta</u> bejn dak li jipprovdi l-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali[5] u l-artikolu 532A tal-Kodici, fejn l-artikolu 15A jipprovdi sahansitra ghall-ordni sabiex il-hati jhallas lill-parti offiza kumpens:

> għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, inkluż <u>fil-każ biss</u> ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb u <u>ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija</u> taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb, sal-**limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000)**

Illi mhux talli l-artikolu 532A tal-Kodici ma jaghmel ebda riferenza ghal ħsara morali u, jew psikoloġika izda l-legizlatur <u>eskluda</u> li b'xi mod l-istess artikolu 15A iservi sabiex jigi komputat anke il-*lucrum cessans* meta

---

[3] Fol.365

[4] Fol.387

[5] Dahal fis-sehh nhar l-14 ta' Mejju, 2018, bl-Avviz Legali 154 tal-2018

iffissa *capping* ta' €10,000 fuq l-ammont ta' kumpens li Qorti tista tipprefiggi.[6]

*Multo magis* l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali ma jista' qatt jigi interpretat li ghandu jservi sabiex fl-ordni li din il-Qorti tista' taghti jigi komputat il-*lucrum cessans* kif qed jippretendi Agius!

Illi bl-***Att XXXII tal-2018*** il-legizlatur sahansitra mar oltre` u fejn precedentement vittma ta' reat kellha d-dritt li ai termini tal-artikolu 1045 tal-Kodici Civili titlob kumpens minghajr limitazzjoni ta' xi *capping* impost bil-ligi, il-posizzjoni inbiddlet bl-introduzzjoni tal-*proviso* ghal dak l-artikolu:

> "Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-Qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi9. Fl-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplići, u tista' ukoll utilment tużgha bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu (sic) suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispeċie [Carmelo Fenech vs Antonio Galea ; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea]
>
> Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u ttelf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).[7]

Ghalhekk inspjegabbilment b'dawn l-emendi introdotti bl-***Att XXXII tal-2018***, vittmi ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin prigunerija, sfaw negattivament **pregudikati** peress li filwaqt li l-ammont ta' kumpens li jistghu jinghataw hu limitat sa €10,000, vittmi ta' delitti anqas gravi ma jiskontraw l-ebda limitazzjoni simili.

Illi huma kazijiet remotissimi, jekk qatt jista' jkun hemm xi kaz, fejn jekk jigi komputat ukoll il-*lucrum cessans*, dan ma kienx ser jeccedi l-€10,000!

---

[6] Bl-emendi introdotti bl-Att XXXII tal-2018

[7] Per Qorti ta' l-Appell (Superjuri), fl-ismijiet **Carmel Debrincat v. Kemmuna Limited; Deciza 28 ta' Settembru, 2007**

Illi l-Qorti kkunisdrat dak li gie diskuss fil-*Parliamentary Debates*, u senjatament fl-istadju ta' Kumitat meta gew introdotti l-emendi ghall-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, ghall-artikolu 28H(1) tal-istess Kodici, kif ukoll ghall-artikolu 1045 tal-Kodici Civili fejn iddahhal dan il-*capping*. Jirrizulta li r-*ratio* tal-legizlatur kienet li peress li kien qed jiddahhal l-kuncett ta' *moral damages* minhabba obbligazzjonijiet internazzjonali, kellu jkun hemm *capping* fl-ammont ta' kumpens sakemm din l-istutuzzjoni tinghata aktar hsieb. **L-emendi introdotti izda ma jirreflettux dan ir-*ratio***:[8]

**ONOR. OWEN BONNICI:** ....B'din l-emenda qegħdin neskludu ħafna reati u nagħmluhom proprju għall-iskop li għalih saret il-liġi. Essenzjalment qegħdin ngħidu li d-dritt li tagħti kumpens għal <u>danni morali japplika biss għal dawk ir-reati ta' vjolenza domestika jew kontra l-persuna</u>. ....

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Hemm tliet punti. Qed jiġu limitati biss għal dawk id-delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni kif ukoll reati kontra l-persuna. Imbagħad qed nitkellmu wkoll fuq ħsara morali jew psikoloġika. Għaliex qed immorru għal danni morali u mhux pekunjarji?

**ONOR. OWENBONNICI:** Għax hemm deċiżjoni li fejn jidħlu kawżi ta' vjolenza domestika nkunu in linja mal-Konvenzjoni ta' Istanbul li tipprovdi li għandu jkun hemm. Li ġara bl-aħħar riformi li saru jista' jkun li ma ġewx limitati għal dawn it-tip ta' reati biss imma ġew applikati għal kollox. Dik ma xtaqthiex u hekk qegħdin nillimitawha......

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Jien m'għandi xejn kontra li ddaħħal id-danni morali, imma togħġobni li jkun hemm *ring-fencing* tajjeb għalih.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Bil-qalb kollha. ............

**IĊ-CHAIRPERSON:** Bil-permess tal-kollegi xtaqt nagħmel rimarka dwar kif din żviluppat. L-ewwel nett, kif qal tajjeb ħafna l-Ministru meta għadda l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Vjolenza Domestika u ddaħħal il-kunċett tad-danni morali, il-mod kif ġie redatt xi ftit jew wisq fetaħ il-kunċett ferm aktar milli kien l-iskop tal-liġi, allura bilfors kien hemm il-ħtieġa li wieħed jerġa' jindirizzaha għax konsegwenza tal-mod kif ġie redatt u approvat mill-Parlament ifisser li f'kull tip ta' sitwazzjoni, kemm ta' delitti volontarji kif ukoll tal-involontarji, u b'hekk qed tmiss ukoll l-inċidenti stradali, iddaħħal il-kunċett tad-danni morali. Dan kien il-punt li kont ġbidt l-attenzjoni tal-Ministru għalih wara li avviċinawni diversi entitajiet kif ukoll mal-qari tagħha fil-prattika. Filwaqt li llum għandna ġurisprudneza kostanti u ċarissima u nafu eżattament kif jitħaddem il-mekkaniżmu

---

[8]Kumitat Permanenti Ghall-Kunsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Ligi, It-Tlettax il-Parlament, Laqgha Nru. 39, It-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018

speċjalment fil-*loss of earnings*, meta ddaħħal il-konċett tad-danni morali fejn qed tiftaħ bibien aktar wiesa', l-ewwel nett, ma naħsibx li huwa l-każ li għandu jidħol konċett daqstant wiesa' mingħajr aktar riflessjoni u konsultazzjoni u, mill-banda l-oħra, ladarba kien hemm il-ħtieġa li jiddaħħal fil-każ tar-reati tal-vjolenza domestika u issa qegħdin ngħidu fid-delitti volontarji - allura qtajt l-involontarjetà kompletament barra - hemmhekk diġà qed tistrada l-argument mod ieħor.

Però l-fatt li fil-liġi tagħna m'għandniex kif se jitħaddem il-mekkaniżmu tad-danni morali, qed nara l-ħtieġa ta' regolamenti biex tagħti xi forma ta' massimu biex ħadd jispiċċa jaħrab b'xi idea li *the sky is the limit*.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ma nistgħux nagħmlu massimu aħna?

**IĊ-CHAIRPERSON:** Kif qed jikkummenta l-Ministru, tajjeb ngħidu li fejn daħħalna l-konċett tad-danni morali, fosthom fil-liġi tal-konsumatur u riċentement meta emendajna l-liġi tad-*data protection*, il-liġi stess dejjem indikat massimu li dejjem imxejna miegħu. F'dan il-każ, peress li mhux xi ħaġa speċifika kont qed nissuġġerixxi - nammetti li kien suġġeriment tiegħi - li l-Ministru għandu jingħata dik il-fakultà ... għax jista' jkun li llum qed narawha mod u mbagħad l-affarijiet jinbidlu. Però jekk il-Ministru jħoss li dan il-Parlament jista' jiffissa massimu u għandu jkun fil-liġi *per se* u jekk imbagħad nemendawh trid tagħmel emenda permezz ta' liġi oħra, dik hija kwestjoni oħra. Però s-suġġeriment tiegħi kien li għandha titħalla f'idejn id-diskrezzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja għax maż-żmien l-affarijiet se jitħaddmu u tevita li jkollok toqgħod tagħmel l-emendi.

Ghalhekk il-Qorti ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali ser tikkunsidra il-provi li ngiebu mill-parte leza in sostenn tat-talba taghha ghall-kumpens.

Ikkunsidrat,

Illi kif inghad id-dokument li jidher ikopri biss *"Deposit on Professional Fees"* fl-ammont ta'€590 ma jista' qatt, fl-ambitu ta' proceduri penali ghall-kumpens jigi kkunsidrat. Minbarra hekk dan mhux ricevuta izda biss kopja ta' *"Request for Payment"*.

Illi ghalkemm l-parte leza pprezenta kopji ta' numru ta' ricevuti mahruga minn Da Vinci Health, mhux talli dawn ma jaghtu l-ebda ndikazzjoni x'tip ta' *consultation* kienet, dawn baqghu **ma gewx debitament awtentikati** mill-parte leza u/jew minn rapprezentant ta' Da Vinci Health.[9] Ghal xi raguni l-kopji jidher li nghataw timbru *"Veru*

[9] Fol.388-395

*Kopja"* minn Dr. Rene Darmanin li lanqas ikkonfermahom bil-gurament tieghu, ghalkemm jigi sottolinejat li lanqas dan ma jissodisfa l-vot tal-ligi ghaliex kien jispetta ghall-parte leza u min harighom li jikkonferma l-awtenticita` taghhom. L-istess konsiderazzjoni tapplika ghar-ricevuti mahruga minn St. Anne's Clinic u Gerada Pharmacy[10] u ghall-*email* mibghuta minn Dr. Mark Xuereb fejn qed jippretendi hlas ta' €450 ghal *"psychiatric report"* minghajr dettalji ulterjuri.[11]

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Demanuele**:[12]

> Illi jibda biex jinghad li uhud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni prezentaw diversi dokumenti waqt id-depozizzjoni taghhom. Hafna minn dawn id-dokumenti, fil-maggoranza atti gudizzarji, huma fotokopja mhux awtentikata u lanqas konfermata b'gurament mir-Registratur tal-Qorti.
>
> Illi ai termini ta'l-artikolu 636 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (rez applikabbli ghall-proceduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali) kopja ta' att gudizzjarju titqies bhala awtentika u konsegwentment tista' tingieb bhala prova *jekk maghmula fil-forma li trid il-Ligi mill-ufficjal li ghandu huwa merfugh l-original*.
>
> Illi huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali l-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq l-ahjar prova. B'applikazzjoni ta' dan il-principju u tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi hawn fuq kwotati, kull dokument, mhux fil-forma originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti[13], altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta'l-ahjar prova.
>
> Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza **Il-Pulizija vs Concetta Charles**[14] il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, skartat fotokopji bhala prova propju ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:
>
> *Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.*
>
> Illi ghalhekk dawk id-dokumenti kollha li huma fotokopja mhux awtentikata ma jistawx jinghtaw piz probatorju stante li mhumiex l-ahjar prova.

---

[10] Fol.396

[11] Fol.397

[12] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 10 t'Awissu, 2017.

[13] Fil-kaz ta' atti gudizjarji l-persuna kompetenti huwa r-Registratur tal-Qorti ghaliex, fit-termini ta'l-artikolu 636 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti gudizjarji originali huma merfugha ghandu.

[14] Deciza 27.07.2012.

Illi ghalkemm fin-nota minn tieghu Agius jippretendi hlas fl-ammont ta' €12,199 rapprezentanti 1,074 siegha *extra duty*[15] li jikkontendi gie mcahhad li jahdem kawza tal-offiza mgarrba, ma tressqet lanqas l-icken prova sabiex tissostanzja tali talba. Minn tal-inqas il-Qorti kienet tistenna li Agius jikkonferma dan bil-gurament tieghu u jgib il-quddiem il-provi kollha sabiex jissostanzja din il-pretensjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed **tichad it-talba** tal-parte leza ghall-ordni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 218(1)(a)(b)(2) u 339(1)(d) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitlu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, fuq ammissjoni ssibu hati tal-akkuzi l-ohra kollha, u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita`.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahriġ, kif rakkommandat fir-rapport rilaxxjat mill-istess Ufficjal tal-Probation u dan ghall-perijodu ta' mitejn u hamsin (250) siegha kif qed jigi speċifikat fl-ordni.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati jkun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

[15] Fol.385

Inolte` wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' elf hames mija u sitt ewro u erbghin centezmu **(€1,506.40)** rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment in vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti dwar l-emendi introdotti bl-***Att XXXII tal-2018***, tordna notifika ta' din is-sentenza lil Onor. Ministru ghall-Gustizzja, Kulura u Gvern Lokali u lil Avukat Generali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**